# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 241/15 CSH**

**Mobisle Communications Ltd. (C24655) u b'digriet tal-4 ta' Frar 2016, is-socjeta' Go p.l.c. (C22334) giet awtorizzata tassumi l-atti minflok is-socjeta' Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Andrew Steven Martin**

**Illum 15 ta' April, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-12 t'Awissu, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti:

Tikkundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' sebat elef, mija u sitta u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€7156.57) liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari (numru 99947387) bl-akkont numru 40304585 moghti mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti:

Dok. IZY1 – ftehim ghall-akkont bin-numru 40304585;

Dok. IZY2 – prospett ghall-akkont bin-numru 40304585;

Dok. IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali;

Dok. IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Ligijiet ta’ Malta;

U dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 27 ta’ Dicembru 2015 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut Martin Andrew Steven kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici, fil-Kunsilli Lokali ta’ San Pawl il-Bahar u fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Pawl il-Bahar (fol.18 tergo).

Rat ukoll illi l-konvenut kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta’ Dicembru, 2015 (fol. 17) u permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali ‘Times of Malta’ tal-1 ta’ Marzu, 2016 (fol. 26).

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attriciipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-15 ta’ April 2016.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ April 2016 l-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut Martin Andrew Steven ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' sebat elef, mija u sitta u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€7156.57). Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors promotur, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**